**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

**Illum 26 ta' Settembru, 2019**

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Shawn Pawney)**

**vs**

**Jeremy Portelli**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Jeremy Portelli detentur tal-karta tal-identita' numru 100885M

1. Akkuzat talli fis- 27 t' Gunju 2018 ghal habta tad-disgha neqsin kwart ta' ta' filghaxija [8.45pm] u/jew hinijiet ta' wara gewwa l-fond 25 Sherwood li jinsab fi Triq San Edwardu Rahal Gdid u/jew f'dawn il-gzejjer minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor

f'periklu car, ikkaguna ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' ommu Esther Portelli ta' 61 sena skond ma ccertifika it-tabib Dr. A. Mifsud mic-Centru tas-sahha tal-Mosta.

2. Ukoll talli fl-istess cirkustanzi f' dawn il-gzejjer ikkaguna biza' lil Esther Portelli li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-proprjetà taghha jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna ohra.
3. Ukoll talli fl-istess cirkostanzi hebb ghal ommu Esther Portelli sabiex jingurjaha, idejjaqha jew jaghmillha hsara.
4. Ukoll talli fl-istess cirkustanzi ghamel ingurji jew theddid lil ommu Esther Portelli mhux imsemmi band' ohra fil-Kodici Kriminali.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta ta' Esther Portelli u tapplika l-provvedimenti ta' Art 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet wkoll mitluba sabiex tapplika l-Artikolu 412C tal-Kap tal-Ligijiet ta' Malta bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta ta' Esther Portelli.

Rat in-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tal-11 ta' Jannar, 2019 (esebita a fol. 77 tal-process fejn l-Avukat Generali dehrlu li tista' tinstab htija (jew htijiet) fil-konfront tal-imputat taht dak li hemm mahsub;

- Fl-artikoli 17 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 215, 216, 251B, 309, 339(d)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

- Fl-artikoli 221(1)(a) u 222A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 384, 385 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li waqt l-udjenza tat-8 ta' Marzu, 2018 l-imputat wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi u rat id-dokumenti kollha esebiti.

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci ta' dan il-kaz jirrigwardaw vjolenza domestika mill-imputat fuq ommu Esther Portelli li allegatament sehhet fis-27 ta' Gunju 2018. Skont ir-rapport tal-parti civili tat-28 ta' Gunju 2018 (a fol 10 sa 12 tal-atti processwali) dakinhar tal-incident inqala argument bejn l-imputat u ommu Esther Portelli u l-imputat aggrediha u kkagunalha griehi li gew certifikati bhala ta' natura gravi minn Dr. Alec Mifsud li ezaminaha fic-Centru tas-Sahha tal-Mosta.

Ikkunsidrat:

Illi fl-istqarrija tieghu tat-28 ta' Gunju 2018 (a fol 14 sa 15 tal-atti processwali) l-imputat stqarr li huwa jghix ma' ommu u fil-fond fejn joqghodu l-parti civile zzomm hafna affarijiet inkluz fil-kuritur li wiehed ma jkunx jista' jghaddi minnu.

Dakinhar tal-incident l-imputat jsostni li huwa qal lill-ommu kemm –il darba sabiex tnehhi l-affarijiet ghaliex huwa ma kellux cans minhabba l-impjieg tieghu. Dejjem skond l-imputat ommu qaltlu sabiex ma jindahalx u bdiet tghajjat go wiccu b' tali mod li dahlet fl-ispazju personali tieghu u huwa ma setghax jghaddi biex johrog. Ghalhekk huwa jghid li mbuttaha u hi tfixklet u waqghet. L-imputat cahad li huwa qatt refgha idu fuq ommu. F' dawn il-proceduri l-imputat ghazel li ma jixhidx izda prezenta hmistax -il ritratt (a fol 82 sa 96 tal-atti processwali).

Ikkunsidrat:

Illi fl-udjenzi tas-6 ta' Lulju 2018 u 3 ta' Mejju 2019 il-parti civili Esther Portelli qalet li ma riditx tixhed fil-konfront ta' binha ghaliex kienet qed tahfirlu (a fol 31 sa 33 u 80 sa 81 tal-atti processwali).

Ikkunsidrat:

Illi mic-certifikat mediku (inserit a fol 29 tal-atti processwali) mahrug mit-tabib Alec Mifsud jirrizulta li l-parti civili sofriet ksur f' idejha li gie klassifikat bhala griehi ta' natura gravi. Dan gie kkonfermat mill-istess tabib fl-udjenza tas-7 ta' Dicembru 2018 (a fol 68 sa 69 tal-atti processwali).

Ikkunsidrat:

Illi hekk kif intqal aktar 'l fuq il-parti civili Esther Portelli ghazlet li ma tixhidx f' dawn il-proceduri ghaliex xtaqet tahfer lill-imputat. L-akkuzi li ghandha quddiemha din il-Qorti jistghu jitmexxew *ex ufficio* minghajr il-kwerela tal-parti civili. Mill-provi jirrizulta li bhala stat ta' fatt dakinhar tas-27 ta' Gunju, 2018 Esther Portelli kellha griehi ta' natura gravi konsistenti fi ksur f' idha izda l-parti civile ma xehditx sabiex tispjega kif sofriet il-ksur li rriskontra t-tabib Alec Mifsud.

Fid-dawl tas-suespost din il-Qorti ma tistax tqis li l-ewwel (1) u t-tieni (2) mputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat gew pruvati sal-grad ta' lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni hekk kif rikjest mill-ligi.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah minnhom. Stante r-rinunzja da parti tal-parti civili l-Qorti tiddikjara l-procediment ezawrit in kwantu ghat-tielet (3) u r-raba' (4) imputazzjonijiet u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghhom.

**Magistrat**

Graziella Abela

Deputat Registratur